MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2045/2002

**Maltacom plc**
**vs**

**Victor u Maria Louisa Attard**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fis-27 t' Awissu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u erbgha u tmenin**

**lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm284.54) rapprezentanti hlas dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon numru 494362 (customer number 290735) ghall-perjodu ndikat skond id-dokumenti annessi mal-avviz Dok.A u B, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma dehru.**

**Semgha x-xhieda tal-PL Noel Scerri li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u tmenin lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm284.54) bl-imghaxijiet legali mill-10 ta' Settembru, 2002 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**